## KUMMISSJONI DWAR L-ETIKA GURNALISTIKA

21 ta' Marzu 2016

**Ilment imressaq mis-Sur Charles Flores kontra s-Sur Fabian Demicoli bhala Head of News tan-Net TV u Editur tas-sit elettroniku Malta Right Now**

## DECIZJONI

### Preliminari

Dan l-ilment imressaq lill-Kummissjoni Dwar l-Etika Gurnalistika mis-Sur Charles Flores permezz tal-ittra tieghu tat-2 ta' Novembru 2015 jirrigwarda rapport titolat "**il-Hatra ta' Charles Flores fil-PBS Tohloq Kontroversja**" ippubblikat fuq is-siti elettronici "Malta Right Now" u "Net TV", kif ukoll imxandar mill-istazzjoni televiziv "Net TV" f'zewg okkazzjonijiet separati u cioe' fil-11 u fit-18 ta' Ottubru 2015.

Fl-imsemmija ittra tieghu, Flores jilmenta dwar allegat nuqqas etiku billi l-verzjoni tieghu dwar dak illi kien gie rrappurtat dwaru ma kienetx giet mitluba.

Ghalkemm fl-istess ittra Flores jghid illi gew attribwiti lilu affarijiet illi ma humiex veritieri, huwa ghamilha cara illi l-ilment tieghu ghandu jitqies bhala wiehed strettament dwar l-etika; u enfasizza l-punt illi ma ghandhomx johorgu rapporti / features eccetra dwar xi hadd, partikolarment kollega fil-Midja, minghajr ma jkun mitlub jaghti l-verzjoni tieghu / taghha ta' dak li jkun ser jinghad.

Dan Flores baqa' jsostnih fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015 fejn inghata l-opportunita' sabiex jippresenta l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni.

Ghalhekk il-Kummissjoni qiset illi l-ilment huwa bbazat biss fuq il-paragrafu c tal-Artikolu 4 (Unethical Behaviour) tal-Kodici Dwar l-Etika Gurnalistika illi jaqra hekk :

" c. **Whenever any information supplied is published without verifying its veracity and accuracy, as far as it is possible.** "

Illi Fabian Demicoli (Head of News tan-Net TV u Editur tas-sit elettroniku Malta Right Now) ghazel illi ma jippresentax risposta bil-miktub dwar l-ilment ta' Flores; u ghazel ukoll illi jirrispondi ghall-istess ilment permezz tal-avukat tieghu Dr. Mathew Pulis. Dan sar fis-Seduta tal-14 ta' Dicembru 2015, kif jinghad aktar il-quddiem.

Illi in adempiment tal-inkarigu taghha l-Kummissjoni zammet is-segwenti seduti :

1 fil-5 ta' Novembru 2015, liema laqgha saret *in camera* skont ma jitolbu r-Regoli tal-Procedura u fejn il-Kummissjoni ezaminat l-ilment imressaq minn Flores u ddecidiet illi kien jezisti *prima facie* ksur tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika peress illi l-pubblikazzjonijiet u x-xandiriet involuti gew ippubblikati u mxandra minghajr ma gew iccekkjati (sakemm kien possiblli) ghall-veracita' u l-ezattezza kif jghid il-Kodici tal-Etika (Artikolu 4 paragrafu c citat aktar il-fuq) u ghalhekk gie deciz illi dan il-kaz ghandu jinstema' fis-seduta tal-Erbgha 2 ta' Dicembru 2015.

2 fit-2 ta' Dicembru 2015, f'liema laqgha deheru skont kif imsejjha is-Sur Charles Flores bhala l-kwerelant, u s-Sur Fabian Demicoli fil-kwalita' tieghu ta' Kap tal-Ahbarijiet ta' Net TV kif ukoll bhala Editur tas-sit elettroniku Malta Right Now, bhala l-kwerelat. Is-Sur Demicoli informa lill-Kummissjoni illi l-avukat tieghu Dr. Matthew Paris kien indispost billi kien marid u ghalhekk ma setghax jattendi. Iddikjara wkoll illi ma xtaqx jikkummenta dakinhar minghajr il-prezenza tal-avukat.

Ic-Chairman tal-Kummissjoni iddecieda illi biex ma jintilifx zmien is-Sur Flores ghandu jghaddi sabiex jaghti l-verzjoni tieghu.

Is-Sur Flores imbaghad ghamel il-prezentazzjoni tieghu u qal illi huwa qieghed jilmenta mill-lat tal-etika biss u stqarr ukoll illi huwa ma kienx gie kkonsultat minn naha tas-Sur Demicoli qabel ma saru l-pubblikazzjonijiet u x-xandiriet. Qal ukoll illi l-fatti li ssemmew graw snin ilu u illi dawn l-istess fatti ma kellhomx konnessjoni mal-ahbarijiet u kienu biss ta' xejra negattiva biex lilu jpogguh f'dawl ikrah wara li dan l-ahhar inghata kariga f'bord editorjali tal-PBS.

Is-Sur Flores sostna illi huwa kellu jigi kkonsultat; u fuq domanda li saritlu dwar jekk kienx ghamel talba ghad-dritt tar-risposta huwa qal illi ma kienx ghamel tali talba ghaliex hass illi kienet isservi biss sabiex tkompli taggrava s-sitwazzjoni billi l-materja kienet tkompli tissemma' u kienet ghalhekk tiswielu aghar.

Ic-Chairman staqsa lis-Sur Demicoli jekk xtaqx jikkummenta izda huwa wiegeb illi jikkummenta biss fil-prezenza tal-avukat tieghu.

Il-Kummissjoni ghalhekk iddecidiet illi tiffissa seduta ohra fejn is-Sur Demicoli jkun jista' jipprezenta l-kaz tieghu u aggornat ghal dan il-ghan ghat-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015 fl-12.00 p.m.

3 fl-14 ta' Dicembru 2015 regghu dehru is-Sur Charles Flores bhala l-kwerelant, u s-Sur Fabian Demicoli fil-kwalita' tieghu ta' Kap tal-Ahbarijiet ta' Net TV kif ukoll bhala Editur tas-sit elettroniku Malta Right Now, bhala l-kwerelat. Deher ukoll l-Avukat Dottor Matthew Paris ghan-nom tas-Sur Demicoli, u dehret ukoll mieghu l-istudenta tal-ligi is-Sinjorina Cinzia Azzopardi Alamango.

Dr. Paris ipproceda sabiex jipprezenta l-kaz tal-klijent tieghu is-Sur Demicoli, u wiegeb ghal diversi mistoqsijiet illi sarulu mill-membri tal-Kummissjoni.

Imbaghad ic-Chairman, wara illi staqsa lill-partijiet jekk kellhomx xi haga ohra xi jzidu ma dak illi kienu ssottomettew b'mod ezawrjenti, iddikjara l-kaz maghluq u l-istess partijiet gew mitluba jirtiraw halli l-Kummissjoni tkun tista' tghaddi sabiex tkompli tiddiskuti l-kaz in camera u tasal ghad-Decizjoni taghha dwar l-istess.

**Difiza**

Il-qofol tad-difiza mressqa mill-abbli avukat Paris huwa s-segwenti :

1 l-editur illimita ruha ghal dak illi huma fatti, u ma esprima l-ebda opinjoni, u lanqas ma ipproduca xi opinjoni ta' terza persuna.

2 billi Flores ma ezercitax id-dritt tieghu ghar-risposta skont il-ligi dwar dak illi gie rapportat, allura dan ifisser illi Flores accetta l-istess rapport bhala fattwalment korrett; u (marbut ma' dan)

3 billi l-ilment ta' Flores ma huwiex dwar il-kontenut fattwali tar-rapport, izda biss dwar il-fatt illi huwa ma kienx intalab jaghti l-verzjoni tieghu dwar dak l-istess kontenut, allura jsegwi illi Flores ma ghandu l-ebda bazi sabiex iressaq dana l-ilment billi l-verzjoni ta' persuna ghandha tintalab biss f'kaz ta' rapport illi jesprimi opinjoni jew illi jirriproduci l-opinjoni ta' haddiehor, mentri dan ma kienx il-kaz.

**Dwar id-Dritt ta' Risposta**

Id-dritt ta' Risposta tinghata fl-**Artikolu 21** tal-**Att Dwar l-Istampa** (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-parti sostantiva tieghu dan jipprovdi hekk :

**21.** (1) ***Any person whose actions or intentions have been misrepresented or who has been subjected to an attack on his honour, dignity or reputation, or to an intrusion into his private life by means of or in a newspaper or in any broadcast shall be entitled to demand and to have published forthwith, free of charge, in the same newspaper or on the same broadcasting medium, as the case may require, a statement by way of contradiction or explanation***:

Dan id-dritt jintilef jekk ir-Risposta ma tintalabx fi zmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni jew xandira in kwistjoni.

Fil-fatt kif gia' ssemma' aktar il-fuq Flores ammetta illi huwa kien ghazel li ma jezercitatax dan id-dritt, ghar-ragunijiet minnu stess moghtija.

Id-dritt ghar-risposta ("right of reply") huwa biss dak li hu, jigifieri dritt li jitnissel mill-ligi u illi huwa disponibbli a favur ta' *"kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin jew li tiġi esposta għal attakk fuq l-unur,id-dinjità jew ir-reputazzjoni tagħha jew għal indħil fil-ħajja privata tagħha permezz ta' jew f'gazzetta jew f'xi xandira"*, li tista' tezercitaha jew le skont ix-xelta libera taghha.

Izda l-fatt illi persuna, li thoss ruhha ingurjata bhala konsegwenza ta' allegat ksur tal-etika gurnalistika fil-konfront taghha, ma tezercitax id-dritt ghal risposta <u>ma twassalx</u> ghall-konkluzzjoni illi dik il-persuna qieghda b'daqshekk tammeti jew tqis illi l-kontenut tar-rapport gurnalistiku koncernat huwa fattwali. La fis-sens illi dak rapportat huwa biss ta' natura fattwali (u ma jinkludix ukoll opinjoni), u lanqas fis-sens illi l-fatti (ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' fatti) huma veritieri.

Ghalhekk id-dritt ta' dik il-persuna li tirrikorri quddiem il-Kummissjoni tal-Etika Gurnalistika jibqa' impregudikat; u ghandu jigi osservat ukoll illi imkien fil-Kodici tal-Etika Gurnalistika u imkien fir-Regoli tal-Procedura ma hemm provdut illi tali dritt jintilef jekk id-dritt ghar-risposta ma jigix ezercitat.

Anke' *a contrario sensu*, cioe' bil-kontra, u dana l-punt diga' gie deciz precedentement mill-Kummissjoni f'kaz iehor, jekk persuna tkun fil-fatt ezercitat id-dritt ghal risposta skont il-ligi ma jfissirx bilfors illi dik il-persuna titlef id-dritt illi tressaq ilment dwar ksur tal-Etika Gurnalistika quddiem il-Kummissjoni. Possibilment l-effett ikun biss fir-rigward tas-severita' tac-censura illi l-Kummissjoni tista' tinfliggi fid-Decizjoni taghha.

L-uniku eccezzjoni ghal dan jirrigwarda ilment dwar xi allegat ksur tal-etika gurnalistika taht il-paragrafu d tal-Artikolu 4 tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika illi jipprovdi bhala ksur tal-etika ***"whenever it is established that a significant inaccuracy, misleading statement or distorted report is published, no prompt and prominent correction is made"***, ghaliex naturalment f'kaz bhal dan, fejn l-editur ikun ippubblika korrezzjoni in segwitu ghall-ezercizzju tad-dritt tar-risposta (jew anke' unilateralment, minghajr l-ezercizzju ta' dana d-dritt da parti tal-persuna aggravata), il-persuna kkoncernata ma tkunx tista' mbaghad tallega ksur ta' dan il-paragrafu partikolari tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika.

## <u>Dwar Fatti u Opinjoni</u>

Illi l-Kummissjoni bhala principju lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Pulis, ghan-nom tal-kwerelat editur Demicoli, fis-sens illi gialadarba illi (skont hu) l-editur illimita ruha ghal dak illi huma fatti, u ma esprima l-ebda opinjoni, u lanqas ma ipproduca xi opinjoni ta' terza persuna, allura dan bilfors ghandu jfisser illi ma kellux ghalfejn ifittex il-verzjoni ta' Flores.

Illi filwaqt illi huwa veru illi Flores ma ressaq l-ebda ilment dwar allegat ksur tal-etika gurnalistika ai termini tal-paragrafu n tal-istess Artikolu 4 (Unethical Behaviour) tal-Kodici Dwar l-Etika Gurnalistika illi jaqra hekk :

n. ***whenever no clear distinction is made between fact on one hand, and conjecture and comment on the other***

- u ghalhekk l-editur kwerelat ma huwiex qieghed jigi akkuzat dwar li fir-rapport tieghu ma ddistingwiex b'mod car bejn fatti u opinjoni.

Izda huwa veru wkoll illi certi "fatti", sakemm mhux fin-natura taghhom assolutament ippruvati u stabbiliti (per ezempju, il-fatt illi d-dinja ddur madwar ix-xemx; u l-fatt illi l-gurnata fiha erba' u ghoxrin siegha), huma wkoll soggetti ghal interpretazzjoni; u persuna interessata jaf ikollha l-verzjoni taghha x'taghti dwar dawk l-istess "fatti" f'kaz illi dawn kellhom jigu rappurtati.

Per ezempju, persuna prominenti setghet bhala fatt intlemhet diehla go xi ambjent partikolari li minnu nnifsu jista' jaghti lok ghal certi suggistjonijiet jekk kemm il-darba l-persuna interessata ma tinghatax almenu l-opportunita' li taghti l-verzjoni taghha fir-rigward tal-motivi taghha. Naturalment il-qarrej imbaghad jgharbel il-fatti hu, u jasal hu stess ghall-konkluzzjonijiet tieghu wara li jkun qies il-kredibilita' o meno tal-ispjegazzjoni li tkun inghatat fir-rigward ta' dak il-fatt.

Wiehed irid izid jghid illi anke' l-mod stess kif jistghu jigu rappurtati certi "fatti" jista' wkoll minnu nnifsu jikkostitwixxi opinjoni. F'dan il-kaz il-"fatti" li gew rappurtati gew hekk rappurtati bil-ghan illi jixhtu dell ta' dubju dwar kemm kien ghaqli li Flores jigi mahtur fuq 'bord editorjali tal-PBS.

Illi f'dan l-isfond wiehed irid jistaqsi jekk bhala punt ta' etika gurnalistika l-gurnalist irid dejjem u bilfors ifittex li jaghti lill-persuna interessata l-opportunita' li taghti l-verzjoni taghha dwar ir-rapport illi sejjer ikun ippubblikat.

Ghandu jigi osservat illi l-Kodici tal-Etika Gurnalistika per se ma jitkellimx car u tond fuq dan il-punt, izda jitratta bl-obbligu tal-gurnalist li jfittex li jivverifika l-veracita' u l-akkuratezza tal-materjal ippubblikat sakemm dan huwa possibli qabel ma jghaddi ghall-pubblikazzjoni tal-istess. Il-Kodici tal-Etika, fir-rigward ta' ksur tal-etika f'dan ir-rigward, jghid hekk :

" ***Whenever any information supplied is published without verifying its veracity and accuracy, as far as it is possible.*** "

Illi l-ezami li jrid isir f'dan ir-rigward hu dwar "*whether sufficient care has been taken by a newspaper not to publish inaccurate material*"; u f'dan l-isfond "*editors cannot rely on having given the complainant an opportunity to correct the story unless there has been a real and considered opportunity*" (Media Law, 5th Edition, Geoffrey Robertson, QC u Andrew Nicol, QC, Penguin Books, 2008).

Illi l-Kummissjoni, minghajr ma tesprimi ruhha dwar jekk huwiex fil-fatt mandatorju illi persuna interessata ghandha tinghata l-opportunita' li taghti l-verzjoni taghha f'kull kaz qabel ma ssir il-pubblikazzjoni, tasal pero' ghall-konkluzzjoni illi dan huwa certament l-ispirtu tal-

obbligu etiku in kwistjoni u tifhem ukoll illi f'dan il-kaz partikolari hekk kellu jsir, ghar-ragunijiet segwenti, izda ma sarx.

## Konkluzzjoni

Ir-rapport gurnalistiku koncernat kien fin-natura ta' bulletin tal-ahbarijiet (u mhux xi programm politiku); illi gie mxandar darbtejn (ghalkemm is-Sur Demicoli, mistoqsi dwar dan fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, stqarr illi t-tieni xandira ma kellhiex tkun, u saret bi zball).

Ir-rapport koncernat, permezz tas-sensiela ta' "fatti" maghzula illi gew elenkati, kien ovvjament intiz sabiex jixhet dell ta' dubju dwar jekk il-hatra ta' Flores bhala membru tal-Bord Editorjali tal-PBS kienetx wahda idonea jew le.

Ir-rapport koncernat kien titolat "***Il-hatra ta' Charles Flores fil-PBS tohloq kontroversja***", u r-rapport stess fetah bil-kliem "***il-hatra ta' Charles Flores fil-bord editorjali tal-PBS qed tohloq kontroversja ……***". Ghalhekk gialadarba l-materja kienet *ex admissis* wahda ta' kontroversja, anke' jekk biss f'mohh l-istess gurnalist, dan kellu jwassal sabiex Flores jigi avvicinat ghall-verzjoni tieghu.

Fid-dawl ta' dawk ic-cirkostanzi, l-etika gurnalistika kienet fil-fatt titlob illi Flores kellu jinghata l-opportunita' reali u adegwata sabiex jaghti l-kummenti tieghu fir-rigward tal-istess rapport.

## Decizjoni u Sanzjoni

Ghal dawn il-motivi l-Kummissjoni qieghda tiddeciedi dwar il-kaz billi ssib illi kien hemm ksur tal-paragrafu c tal-Artikolu 4 tal-Kodici tal-Etika Gurnalistika li jitratta dwar "unethical behaviour" da parti tas-Sur Fabian Demicoli fil-konfront tal-kwerelant is-Sur Charles Flores fir-rigward tar-rapport titolat **"il-Hatra ta' Charles Flores fil-PBS Tohloq Kontroversja"** ippubblikat fuq is-siti elettronici "Malta Right Now" u "Net TV", kif ukoll imxandar mill-istazzjoni televiziv "Net TV" f'zewg okkazzjonijiet separati u cioe' fil-11 u fit-18 ta' Ottubru 2015.

Dwar sanzjoni, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt illi ma jidhirx illi l-kaz kien wiehed ta' natura gravi, il-fatt illi l-kwerelant ma jidhirx illi sofra xi konsegwenzi serji bhala konsegwenza tal-pubblikazzjonijiet koncernati, kif ukoll il-fatt illi l-istess kwerelant minn dejjem sostna illi l-uniku interess tieghu kien li tigi rispettata l-etika gurnalistika b'mod specjali bejn l-istess gurnalisti, il-Kummissjoni tqis illi ghandha timponi s-sanzjoni ta' **dizapprovazzjoni**.

Il-Kummissjoni tordna wkoll illi kopja ta' din id-Decizjoni tintbaghat minnufih lill-partijiet ghall-informazzjoni taghhom, kif ukoll lill-Istitut tal-Gurnalisti Maltin ghal kull azzjoni ulterjuri li jista' jidhirlu xieraq, inkluz dik tal-pubblikazzjoni tal-istess Decizjoni.



**Kevin F. Dingli**
**Chairman**